MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 321/1999/1

**David Chetcuti bhala mandatarju specjali ta' l-imsiefer tabib Dr. Joseph Farrugia; u b' nota tad-29 ta' April 2002 Dr. Joseph Farrugia qed jassumi l-atti f' ismu stess; u b' digriet ta' l-4 ta' Gunju 2002 Elaine Farrugia qed tintervjeni f' din il-kawza *in statu et termini***

**vs**

**Richard K. Kandler**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li:-

1. Jizgombra mill-fond 216, Silver Mist, Triq Judge W. Harding, Pembroke, St. Julians u dan previa dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi.
2. Jhallas lill-attur nomine s-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) rappresentanti skadenzi ta' kera, bil-quddiem, mhux imhallas ghal perjodu 1 ta' Jannar 1999 u l-1 ta' Frar 1999 u kull ammont iehor ta' kera li jista jkun dovut sal-gurnata tal-effetiv zgumbrament mil-fond gia ndikat bir-rata ta' Lm 350 fix-xahar pagabbli bil-quddiem ghall kull xahar.
2. Jiddikjara lil konvenut responsabbli ghal dawk il-hsarat kollha li jistghu jirrizultaw wara li l-konvenut jkun effetivament zgobra mill-istess fond.
3. Jillikwida kwalnukwe danni li hekk jistghu jirrizultaw
4. Jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lil attur nomine d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Jannar 1999 u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess ittra interpellatorja kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 ibid) u li biha ecepixxa bir-rispett :-

Preliminarjament in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante illi l-konvenut ma jafx min hu l-attur mandanti bill-skond il-ftehim ta' lokazzjoni li ghandu jirrizulta illi s-sid huwa certu Brian De Cesare.

Preliminarjament l-attur mandanti ghandu jipprova li huwa s-sid tal-fond 216, Silver Mist, Triq Judge W. Harding, Pembroke, St. Andrews.

Preliminarjament wkoll, stante illi jezisti ftehim ta' lokazzjoni, in-nullita' ta' l-avviz billi m'hemmx talba ghar-rexissjoni tal-istess ftehiim.

Illi l-konvenut qieghed jiddetjeni skond ftehim ta' lokazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti mill-istess Qorti in konnessjoni ma l-istess rikors a fol 10 tal-atti u dan fl-4 ta' Dicembru 2000 (fol 12 ibid).

Rat dak verbalizzat a fol 12 tal-atti waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gja gew decizi minn din il-Qorti f'sentenza separata moghtija fil-kawza fl-istess ismijiet, illum stess (avviz numru 237/01) u dwar l-istess eccezzjonijiet ghandha ssir referenza ghal din is-sentenza bil-kawzari li hemm premessi.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-talba sabiex il-konvenut jigi zgumbrat mill-post in kwistjoni, ghandu jinghad s-segwenti :-

a) l-atturi ippremettew fl-avviz illi l-konvenut qed jokkupa l-istess post "minghajr ebda titolu validu fil-ligi". Dwar dan issir referenza ghall-ftehim ta' lokazzjoni anness mal-atti tal-avviz numru 237/01, l-istess kera kellha tiskadi fit-28 ta' Frar 2000 mentri l-avviz in ezami gie intavolat fis-26 ta' Frar 1999. Minn dan jidher evidenti li meta gie prezentat l-avviz, il-konvenut kellu titolu ta' kera u b'hekk din it-talba bl-ebda mod ma setghet tigi akkolta u "caso mai" kellha tigi kkunisdrata ukoll bhala talba intempestiva. Pero' kif jidher mill-verbal a fol 12 tal-atti, il-konvenut kien hareg mill-post in kwistjoni minhabba li "… li skada il-kuntratt ta' kera".

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-talba ghall-hlas taz-zewg skadenzi ta' kera kif mitluba fl-istess avviz, dan il-fatt gie konfermat minn

Elaine Farrugia, taht gurament kif jidher mill-“affidavit” a fol 20 tal-atti tal-avviz numru 237/01 waqt li meta xehed il-konvenut, ma saret l-ebda kontestazzjoni in konnessjoni ma din it-talba (ara fol 46 et seq ta’ dawn l-atti”).

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ hsarat kawzati mill-konvenut fl-istess post, l-istess Elaine Farrugia (fol 20 et seq ibid) specifikat li dawn il-hsarat u danni kienu jammontaw ghal Lm391.16. Pero’, kif rizultanti mill-istess xhieda u mill-ftehim ta’ lokazzjoni msemmi l-konvenut kien hallas “deposit” ta’ Lm350 ghal dan il-ghan. Ghalhekk tenut kont ukoll illi meta xehed il-konvenut, dwar id-danni ma gewx kontestati minnu (ara fol 46 et seq ibid), l-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hlas tal-bilanc ossia Lm41.16.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel (1) talba kif dedotta mill-avviz waqt li tilqa’ it-talbiet ammontanti u b’hekk tikundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma totali ta’ Lm741.16 konsistenti f’zewg skadenzi ta’ kera kif specifikati fl-istess avviz u l-bilanc li ghandu jithallas minnu in konnessjoni mat-tielet (3), raba’ (4) u hames (5) talba u dan bl-imghax legali mis-26 ta’ Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, dawk in konnessjoni mal-ewwel (1) talba jithallsu kollha kemm huma mill-atturi waqt li l-ispejjes rimanenti inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Jannar 1999 jithallsu mill-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa strettament ma hassux aggravat bil-parti kundannatorja tas-sentenza li ordnat il-hlas minnu tas-somma likwidata imma invece illimita ruhu biex jikkwerela d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fuq din il-bazi:-

(1) In-nuqqas ta’ prova ta’ l-interess guridiku fl-attur li jagixxi bhala mandatarju specjali ta’ l-imsiefer Tabib Joseph Farrugia. Jikkontendi allura f’ dan il-kuntest

illi l-eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika ma' l-attur tirrizulta gustifikata;

(2) Elaine Farrugia kellha tkun mill-bidunett attrici effettiva fil-kawza u mhux tiddahhal fil-proceduri bhala intervenjenti. L-appellanti hawnhekk iressaq l-argoment illi din l-intervenjenti ma setghet qatt tippretendi illi tissostitwixxi lill-atturi jew tallaccja l-jeddijiet taghha ma' taghhom u dan fit-tentattiv li ssalva kawza li giet intavolata hazin;

(3) L-appellanti jsostni illi l-ewwel Qorti ma kellhiex takkollalu l-ispejjez tal-kawza relattivament ghall-intervenjenti fil-kawza;

(4) Gjaladarba hu kien diga` ivvaka mill-fond it-talba ghall-izgumbrament tieghu hi wahda inutili f' dan l-istadju u messha tigi rtirata;

Jibda biex jigi osservat illi l-interess guridiku jew il-karenza tieghu u n-nuqqas ta' relazzjoni guridiku ma jistghux jigu promiskwament konfuzi. L-interess guridiku li wiehed jagixxi hi kundizzjoni ta' l-azzjoni konsistenti f' dak l-esigenza li wiehed jottjieni rizultat guridikament utli u vantaggjuz. Ir-relazzjoni guridika invece tippresupponi l-ezistenza ta' rapport negozjali bejn il-partijiet. Il-wahda hi ta' indoli prettament procedurali, l-ohra hi ta' natura sostantiva u tikkreja r-rapport bejn il-partijiet li minnu jiskaturixxu, imbaghad, l-obbligazzjonijiet. Rapport dan li jista' jkun kemm *ex-contractu* jew *ex-delicto*;

Maghdud dan, jekk bl-aggravju tieghu l-appellant kien qed jintendi, jew ahjar, isostni l-ewwel eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika allura ghandu jigi osservat illi mentri l-appellanti rabat dik l-eccezzjoni mal-fatt li hu ma kienx jaf min hu l-mandanti, ossija t-Tabib Joseph Farrugia, hawnhekk donnu li l-gravam tieghu hu kollegat mal-persuna tal-mandatarju, jigifieri David Chetcuti;

Apparti l-izvista li hemm fl-iskrittura ta’ lokazzjoni u li giet iccarata fil-kors tal-proceduri, ma jidherx, mill-ezami u evalwazzjoni ta’ l-atti processwali, illi kienet tonqos il-prova tal-mandat konferit lill-imsemmi David Chetcuti. Ara deposizzjoni ta’ Brian Decesare (fol. 36) u l-Affidavit ta’ Elaine Farrugia fil-kawza per Avviz Numru 237/01, li ma dik odjerna kienet qed tigi kontestawalment ittrattata. Ta’ dan kien ukoll xjenti l-appellant billi *ex confessis* jammetti illi “*when I signed the contract I remember that Mr Chetcuti mentioned that he was signing on behalf of a relative*” (fol. 48);

Issa hu minnu li fl-atti ma giet esebita ebda prokura u l-mandanti Dr Joseph Farrugia ma xehedx, imma kif sewwa gie rilevat mill-atturi appellati, l-Artikolu 1857 (2), Kodici Civili jipprovdi li l-mandat jista’ jissussisti taht diversi forom, anke tacitament. Li jfisser li mandat jista’ jkun perfezzjonat b’ xi wiehed mill-modalitajiet prevvisti minn dan il-provvediment. Naturalment il-mandat tacitu hu dipendenti minn imgieba univoka u konkludenti li minnha tista’ tigi dedotta l-attribuzzjoni tal-mandat u l-accettazzjoni tieghu. Indipendentement minn kif konkluz, jibqa’ l-fatt illi l-appellant kellu konoxxenza pjena illi David Chetcuti kien qed jagixxi f’ isem terzi fil-mument tal-konkluzjoni u tas-sottoskrizzjoni tal-ftehim lokatizju. Ghamlet sewwa allura l-ewwel Qorti li cahdet l-eccezzjoni kif dedotta tan-nuqqas ta’ relazzjoni guridika. L-aggravju fuq dan il-punt qieghed allura jigi respint;

Fil-kaz tat-tieni aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-ilment qieghed jitqajjem ghall-ewwel darba f’ dan l-istadju ta’ l-appell. In fatti fl-ebda parti tas-sentenza mpunjata ma hemm imsemmi, u wisq anqas deciz il-punt li qieghed jigi issa sollevat f’ din l-istanza. Bhala affermazzjoni tal-principju jkollu jinghad illi tkun sovversjoni tad-dritt kieku kellu jigi permess li din il-Qorti tidhol biex tezamina l-kwestjoni sollevata *noviter deductus* fir-rikors ta’ l-appell. *Multo magis*, imbaghad, meta quddiem l-ewwel Qorti l-kwestjoni dwar l-intervent ta’ Elaine Farrugia in kawza kienet pacifika tant li, kif jirrizulta

mill-verbal ta’ l-4 ta’ Gunju 2002 (fol. 24), l-istess konvenut appellant ma kienx oppona t-talba ghal dak l-intervent;

Bl-iskop limitat u ewlieni li jigu indirizzati certi mpressjonijiet imprecizi ta’ l-appellant, jigi rilevat, in bazi ghall-gurisprudenza konkordi, illi:-

(1) Il-kliem ta’ l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jakkorda diskrezzjoni lill-Qorti li tawtorizza, o meno, it-talba ghall-intervent. “Il-Qorti ta’ l-Appell ma tiddisturbax l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni hlief jekk ikun jidher li sar kontra l-ligi” (**Kollez. Vol. XLVII P I p 423**). Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk;

(2) L-intervenjenti ma hux “parti” jew “kontendent”, cjoe hu ma jsirx la attur u lanqas konvenut (**Kollez. Vol. XXXI P I p 321**);

(3) B’ danakollu, bhala ammess fil-kawza, hu jista’ anki “*sostenendo la ragione sia dell’ attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i proprii diritti in confronto sia dell’ uno che dell’ altro, provocare una decisione entro i limiti dell’ azione intentata, la quale stabilire certi fatti o certi diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato*” (**Kollez. Vol. XVI P I p 117; Vol. XXX P I p 190**);

Premess dan, ghar-ragunijiet hawn fuq zvolti, anke dan it-tieni aggravju qed jigi michud;

Kwantu ghat-tielet aggravju din il-Qorti tara sens f’ dak sottomess mill-appellanti. Gjaladarba l-intervenjenti ma huwiex “parti” fil-kawza hi regola accettata anke mill-gurisprudenza taghna illi dan isofri l-ispejjez tieghu, ammenokke ma jkunux jirrizultaw ragunijiet partikolari li jiddettaw xort’ ohra. Ara **Kollez. Vol. XLII P II p 898** u **Vol. XLIV P II p 695**. Fil-kaz prezenti din il-Qorti ma ssibx li kien jezisti dak il-“*giusto motivo*” li ssemmi s-sentenza riportata a **Vol. XIII p 477** biex il-Qorti tiddepartixxi minn dik ir-regola. F’ dan is-sens biss il-Qorti

ser titbieghed mill-konkluzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li addossat l-ispejjez gudizzjarji kollha, u allura kompriz dawk ta' l-intervenjenti, fuq il-konvenut;

Din il-Qorti sincerament ma tistax issegwi r-ragonament ta' l-appellanti fl-ahhar aggravju tieghu. Ibda biex, kif jirrizulta mill-atti, (ara verbal ta' l-4 ta' Dicembru 2000 a fol. 12) huwa ivvaka mill-fond fil-mori tal-kawza. Dippju, tajjeb jew hazin, is-sentenza appellata cahdet l-ewwel talba attrici riferibilment ghall-izgumbrament tieghu mill-fond fuq il-motiv dedott fl-Avviz. Konsegwentement hu difficli ghal din il-Qorti illi f' dawn id-dati cirkostanzi tara s-serjeta` wara l-aggravju interpost, li qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost bl-ewwel, it-tieni u r-raba' kap. Tilqa' invece t-tielet kap fis-sens illi qed tiddeciedi li l-intervenjenti Elaine Farrugia tbati l-ispejjez gudizzjarji proprji tal-kawza fiz-zewg stadji taghha. Is-sentenza qed tigi kkonfermata ghall-kumplament, bl-ispejjez ta' din l-istanza, hlief ghat-tielet kap ta' l-appell jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------